MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 392/2010

**Theresa *sive* Tessie Fenech**

**-vs-**

**Michael Fenech**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fl-20 ta’ April 2010 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettew:

1. Illi l-esponenti hija proprjetarja tal-għalqa magħrufa bħala “Ta’ Wied iz-Ziju” *sive* “tal-Fenek” fiż-Żejtun, liema għalqa għandha l-kejl superfiċjali ta’ *circa* elf ħames mija u għoxrin metro kwadru (1,520 m.k.) tikkonfina mix-xlokk ma’ proprjeta’ ta’ Michael Demanuele, mill-majjistral u mill-grigal ma’ beni ta’ Giuseppe Fenech jew aventi kawża minnhom jew irjieħ verjuri;

2. Illi qabel ma din l-għalqa ġiet akkwistata mill-esponenti, din kienet għal bosta snin tinħadem mill-familja tal-esponenti stess *stante* li kienet imqabbla għandha;

3. Illi l-esponenti taċċeddi għall-għalqa sopradeskritta jew minn passaġġ li jgħaddi minn fuq għalqa adjagenti propjeta tal-eredi ta' Filomena Fenech jew inkella minn passaġġ ieħor li jgħaddi minn fuq għalqa adjaċenti wkoll li hi proprjeta' ta' terzi;

4. Illi dawn iż-żewġ għelieqi li minnhom l-esponenti taċċedi għall-għalqa tagħha jinħadmu mill-konvenut;

5. Illi riċentament il-konvenut għalaq ix-xatba li hemm f'tarf il-passaġġi li jgħaddu minn fuq l-imsemmija għelieqi b'katnazzi b'mod u manjiera li mpedixxa l-aċċess liberu lill-esponenti għall-għalqa tagħha tant li llum l-esponenti trid taqbeż iċ-ċnut sabiex tidħol fil-proprjeta tagħha;

6. Illi tali atti jikkostitwixxu spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-esponenti;

7. Illi minkejja li l-intimat ġie debitament interpellat sabiex ireġġa' lura dak li għamel dan baqa' inadempjenti u għalhekk l-esponenti kellha tirrikorri għal din l-azzjoni;

8. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment;

Illi r-raġuni ta' din it-talba hi li l-intimat wettaq spoll riċenti, vjolenti u klandestin fil-konfront tal-esponent u għalhekk għandu jiġi kkundannat ireġġa lura x-xogħlijiet li għamel u jirrintegra lill-esponenti fit-tgawdija ta' ħwejjiġha u fl-eżerċizzju tal-jedd ta' passaġġ minnfuq l-għelieqi maħduma mill-esponenti;

Għaldaqstant, ir-rikorrent titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvediment opportuni, jogħġobha:

1. Tiddikjara illi għar-raġunijiet premessi, l-intimat ikkommetta spoll klandestin u vjolenti għad-dannu tal-esponenti;

2. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju jagħmel dawk ix-xogħlijiet rimedjali kollha opportuni sabiex jirripristina lill-esponenti fit-tgawdija ta' ħwejjiġha u dan billi jneħħi kwalsiasi katnazz, xkiel jew sokor ieħor li hemm mal-ixtiebi fil-passaġġi li minnhom l-esponenti taċċeddi għall-għalqa magħrufa bħala "Ta' Wied iz-Ziju" *sive* "Tal-Fenek" fiż-Żejtun, liema għalqa għandha l-kejl superfiċjali ta' *circa* elf ħames mija u għoxrin metro kwadru (1,520 m.k.) liema għalqa tikkonfina mix-xlokk ma' proprjeta' Michael Demanuele, mill-majjistral u mill-grigal ma' beni ta' Giuseppe Fenech jew aventi kawża minnhom jew irjieħ verjuri u dan *occorendo* taħt is-superviżjoni ta' periti nominandi;

3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-istanti tagħmel dawk ix-xogħlijiet rimedjali neċessarji a spejjeż tal-konvenuti *occorrendo* taħt is-superviżjoni ta' periti nominandi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li minn issa huwa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, naqas li jippreżenta risposta ġuramentata u għalhekk huwa kontumaċji skond il-liġi;

Semgħet lill-attriċi;

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Frar 2011 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq talba tad-difensur tal-attriċi;

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher ċar mir-rikors promoter li din hija kawża ta' spoll. L-attriċi qed issostni illi l-konvenut ikkometta l-ispoll meta għalaq il-passaġġ imsemmi billi għamel xatba fl-istess fetħa tal-passaġġ.. Kif hu magħruf huma tlieta r-rekwiżiti biex l-azzjoni ta' spoll tirnexxi, u ċjoe':

1. il-pussess;

2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta tal-attur; u

3. li l-azzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll.

Illi kif ġja' ingħad, il-Qorti semgħet lill-attriċi u l-konvenut huwa kontumaċji u kwindi ma ressaqx provi. Il-verżjoni attriċi għalhekk ma hijiex kontrastata u tirriżulta.

Illi fis-sentenza **"Delia vs Schembri"** (Prim' Awla – 4 ta' Frar 1958) ġie ritenut illi:

*"L-azzjoni ta' spoll iservi biex tipproteġi il-pussess, ikun x'ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħuda mingħand il-possessur jew detentur u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika ukoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita privata ... jagħmel għad dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistgħax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"*. (Vol III Sez. 52).

Illi kif ġie ritenut fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958:

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li*

*l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat.”*

Illi kif ukoll ġie ritenut:

*“Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, riġoruża u skarna u ma tinsab f’ebda leġislazzjoni oħra u kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet ibbażati fuq x’jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna – Appell Ċivili – **“Cardona vs Tabone”** – deċiża fid-9 ta’ Marzu 1992).”*

Illi jidher ċar illi l-konvenut ikkometta l-ispoll imsemmi fir-rikors u li l-attriċi kellha l-pussess skond il-liġi.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ t-talbiet tal-attur u għalhekk tiddikjara li l-konvenut ikkometta spoll fil-konfront tal-attriċi, u tikkundannah biex fi żmien xahar iqiegħed kollox fl-istat pristinu b’mod li l-attriċi tkun tista’ tidħol mill-passaġġ in kwistjoni u b’hekk jitpoġġa mill-ġdid fil-pussess tagħha, u jneħħi l-ostakolu msemmi u jerġa jagħmlu kif kien qabel. Fin-nuqqas l-attriċi hi awtorizzata tagħmel dan a spejjeż tal-konvenuti. Ix-xogħol għandu jsir taħt is-superviżjoni tal-A.I.C. Valerio Schembri li qed jiġi nominat għal dan l-iskop.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------